Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili numru:- 943/2011

**Carmelo Baldacchino (K.I. Nru 544856M) f'ismu proprju u f'isem Carmelo Baldacchino Aluminju Works** **(appellant)**

**vs**

**Victor Ellul (K.I. Nru 7349M)** **(appellat)**

Il-Gimgha, 29 ta' Lulju 2016

Il-Qorti,

Rat l-Avviz tat-Talba ta' Carmelo Baldacchino *pro et noe* tat-3 ta' Novembru 2011 quddiem it-Tribunal ghal Talbiet Zghar permezz ta' liema ppremetta illi (i) l-appellat inkarigah sabiex jaghmillu xoghlijiet konnessi ma' aperturi f'zewg residenzi u cioe' sabiex jikkonsenja lill-istess intimat twieqi, bibien u *nets* ta' l-*aluminju*, inehhi t-twieqi u bibien tal-hadid u minflokhom jinstalla l-istess materjal imsemmi u jipprovdilu ukoll servizzi relatati; (ii) il-appellat avza lill-appellant sabiex ma jaghmilx l-ordni kollha f'daqqa ghaliex il-appellat kien ghadu ghaddej b'xoghol strutturali. Ghaldaqstant u fuq l-istruzzjonijiet tal-istess appellat, l-appellant ikkonsenja l-aperturi hekk mitluba mill-appellat u pprovda s-servizzi kif mitlub jaghmel ghall-aperturi kif miftiehem; (iii) hekk kif tlesta dan ix-xoghol, il-appellat informa lill-appellant li kien sodisfatt bix-xoghol li sar u l-appellat stess verbalment informah li huwa kien sejjer jaghtih struzzjonijiet ulterjuri sabiex jigu konkluzi x-xogholijiet kollha kif miftiehem originarjament. Il-appellat specifikament informa lill-appellant biex jistenna struzzjonijiet ulterjuri peress li l-appellat kellu jlesti xi xoghlijiet fil-fond qabel ma jipprosegwi ghall-istallazzjoni tal-kumplament ta' l-aperturi u l-aluminju; (iv) hekk kif ghadda ftit zmien, l-appellant, li kien fl-interess tieghu li jinghalaq u jitkompla l-progett ai termini tal-ftehim originali ikkuntattja lill-appellat sabiex jivverifika meta kien sejjer imur fuq il-fond sabiex ikompli x-xoghlijiet. Il-appellat rega' infurmah illi kien sejjer jikkomunika mieghu bi struzzjonijiet ulterjuri sabiex ikompli. Ghalkemm kien ghadda z-zmien, il-appellat b'ebda mod ma ghadda kummenti negattivi fuq xoghlijiet; (v) il-partijiet ftehmu illi l-prezz finali kellu jigi stabbilit wara li jigi kkompletat u konkluz il-progett kollu u l-hlas da parti tal-appellat kellu jintalab u sussegwentament isir mal-konkluzjoni tal-progett; (vi) wara li tlestiet l-ewwel fazi tal-progett, il-appellat baqa' jipprokrastina l-kontinwazzjoni tal-progett u dan a bazi ta' l-allegat fatt illi huwa kellu jlesti x-xogholijiet ohra gewwa l-fond; (vii) l-appellat injora ghal kollox lill-appellant u naqas milli jikkomunika mieghu ghal zmien twil; (viii) l-appellant ghaldaqstant hareg talba ghal hlas fl-ahhar tas-sena 2010; (ix) il-bilanc tal-prezz ta' dan il-materjal, kif ukoll

servizzi rezi huwa ta' tliet elef u disgha u tletin ewro u tmienja u sittin centezmu (€3,039.68) u dan kif jirrizulta mill-kont esibit: (x) ghalkemm il-appellat gie interpellat diversi drabi verbalment sabiex ihallas u ntbaght il-kont, dan il-kreditu sal-lum ma thallasx; (xi) wara li l-appellat ircieva ittra legali datata 20 ta' Awwissu, 2011 huwa qajjem l-allegazzjoni illi x-xogholijiet ma kienux skont is-sengha u l-arti. L-appellant talab lit-Tribunal sabiex jiddikjara li l-ammont imsemmi huwa dovut lilu mill-appellat bhala ammont likwidu u cert u sabiex jordna lill-appellat ihallas l-imsemmi ammont. Bl-ispejjez u l-imghaxijiet.

Rat ir-risposta tal-appellat tat-28 ta' Novembru 2011[1] permezz ta' liema eccepixxa (i) in linea preliminari l-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici a tenur tal-artikolu 2148(a) tal-Kap. 16; (ii) fil-mertu, il-kont mehmuz mal-avviz m'ghandhux mis-sewwa u dana billi l-appellant hadem l-ahhar fil-fond tal-appellat fis-6 ta' Gunju tas-sena 2009 u minn hemm-il quddiem hu abbanduna ix-xoghol; (iii) hu l-appellant li abbanduna u kiser il-ftehim t'appalt ta' bejn il-kontendenti billi ma wettaqx il-maggor parti tax-xoghol skont il-ftehim; (iv) ix-xoghol imwettaq mill-appellant ma sarx skont is-sengha u l-arti hekk kif tirrikjedi l-ligi.

Rat is-sentenza preliminari tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-20 ta' Gunju 2013[2] permezz ta' liema giet michuda l-ewwel eccezzjoni tal-appellat dwar il-preskrizzjoni u gie ordnat il-prosegwiment tal-kaz fil-mertu.

Rat is-sentenza finali tat-Tribunal tal-11 ta' Novembru 2014[3] li ddecieda hekk:

*"Ghalhekk u dawn ir-ragunijiet it-Tribunal iqis illi gialadarba x-xoghol ma twettaqx skont l-arti u s-sengha allura l-appellant mhux intitolat ghal hlas mill-appellat u ghalhekk jichad it-talbiet attrici.*

*Bl-ispejjez tal-kawza ghandhom jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet."*

Dan wara li l-istess Tribunal ikkunsidra li:

(i) din il-kawza titratta xoghol ta' *aluminju* li l-appellant ghamel fil-fond tal-appellat. Jinghad illi x-xoghol ma giex ordnat f'okkazzjoni wahda. Min-naha l-ohra l-appellat jghid illi x-xoghol ma sarx sew u qatt ma gie komplut fis-sens illi twahhal l-*aluminju* izda baqa' ma giex iffinalizzat;

(ii) l-appellat ressaq provi biex jikkonvinci lit-Tribunal illi x-xoghol li sar mill-appellant fil-propjeta' tieghu ma sarx sew. L-appellant abbanduna x-xoghol tieghu u halla lill-appellat nofs xoghol bil-konsegwenza illi ghamillu hafna hsara, telf ta' hin u tertieq ta' qalb;

(iii) il-gurisprudenza taghna turi bic-car illi meta persuna ma tezegwix xoghol sew allura titlef id-dritt tal-hlas;

---

[1] Fol 6.

[2] Fol 53 et seq.

[3] Fol 112 et seq.

(iv) Lanqas ghandu dan ix-xoghol johloq inkonvenjent ikbar lil min ikkummissjona x-xoghol kif sar f'dan il-kaz.

L-appellant appella minn din is-sentenza. Il-appellat wiegeb[4].

Fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2016 saret trattazzjoni[5].

Il-Qorti rat l-atti.

**<u>L-ewwel aggravju.</u>**

**L-appellant jilmenta li l-agir tal-appellat mhuwiex kompatibbli mal-eccezzjoni li x-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti**. Isostni li waqt ix-xoghlijiet qatt m'oggezzjona ghall-kwalita' taghhom. Anzi huwa kien wieghed lill-appellant li kien ser jerga' jibghat ghalih sabiex ikun jista' jikkompleta x-xoghlijiet u kien ghalhekk li huwa dam ma hareg il-kont. L-ewwel darba li l-appellant gie nfurmat b'ilmenti kien meta kkuntattja lill-appellat u talbu l-hlas. Anke fix-xhieda tieghu l-appellat qatt ma xehed li waqqaf lill-appellant minhabba xoghol hazin izda ghax fil-fehma tieghu l-appellant kien abbanduna x-xoghol. Inoltre ghalkemm il-appellat jghid li ma kienx kuntent bix-xoghol tal-appellant, huwa zamm it-taghmir u l-aperturi kollha kkonsenjati u nstallati mill-appellant u qatt ma rritornahom jew iddepozitahom taht l-awtorita' tal-Qorti.

Skont l-appellat f'Settembru 2008 kien avvicina lill-appellant sabiex jaghmel aperturi tal-*aluminju* f'zewg proprjetajiet tal-appellat, flat fil-Qawra u dar f'B'kara. Wara qbil bejn il-partijiet, fil-31 ta' Ottubru 2008 l-appellant accetta l-inkarigu. Ix-xoghol kollu kellu jkun lest fi zmien 3 xhur. L-appellat xehed li:

*"wara li tani x-xoghol tal-Qawra, gbidtlu l-attenzjoni li l-qisien ma kinux tajba. Qalli 'nirrangawhom'. Hadthomlu l-garaxx u meta rega' tahomli lura baqghu difettuzi fil-qisien. Fil-fatt netting minnhom waqghet darbtejn ghand ta' flat 2, u n-netting li rranga mhux imwahhal pulit. Meta l-mara gibditlu l-attenzjoni li mhux qed jaghmel xoghol sewwa u pulit, dahar fuqi u qalli kemm ghandek mara tgerger. Jien irrispondejtu li la x-xoghol mhux pulit u sewwa, bilfors tgerger."*[6]

L-invoice tal-appellant turi li ghall-flat tal-Qawra nhadmu sebgha[7]. Meta l-appellat ilmenta dwar il-qisien ta' whud minnhom, l-appellant irrangahom. Filwaqt li fir-rigward tal-aperturi tal-aluminju l-appellat ipprezenta ritratti biex juri d-difetti fix-xoghol, fir-rigward tan-netting ma pprezenta xejn. Ghalkemm l-appellat qal li wara li gew irrangati kien hemm tnejn li baqghu difettuzi, jibqa' l-fatt li ma ssostanzjax din il-verzjoni bi provi ohra. Sahansitra zammhom u ma jirrizultax li talab lill-appellant sabiex jaghmel modifiki jew biex jehodhom lura. Anzi wara tah ix-xoghol fid-dar ta' B'Kara.

---

[4] Fol 12 et seq.

[5] Fol 25.

[6] Affidavit tal-appellat a fol 15.

[7] Fol 3.

Skond ma qal l-appellat beda jsus wara l-appellant sabiex ilesti x-xoghol; *"Bdejt nigbed l-attenzjoni ta' Baldacchino li waqa' lura fix-xoghol u li meta taghmel ix-xita qed jidhol l-ilma u ssir il-hsara fil-gibs fis-suffetti u fis-silicato*[8]*"*. Jghid li fi Frar tal-2009 l-appellant mar iwahhal xi xoghol tal-*aluminju* u peress li kienu bla hgieg u *sealer*, meta kienet taghmel ix-xita kien jidhol l-ilma fid-dar u ssir il-hsara. L-appellat jinsisti li dwar dan kien imur jigbed l-attenzjoni tal-appellant li qed issir il-hsara. Minkejja dan l-appellat xorta halla x-xoghol ghaddej, ghalkemm xehed li l-ftehim kien li l-aperturi kellhom isiru u jitwahhlu fi zmien tlett xhur. Fil-fatt f'April 2009 twahhal xi xoghol fuq il-bejt u f'Mejju u f'Gunju 2009 twahhlu iktar aperturi. L-appellat jghid li wara dan il-perjodu huwa beda jirsisti mal-appellant biex ifittex ilestilu. Ix-xhud Mario Micallef ukoll jikkonferma li l-appellat gieli mar ghand l-appellant biex jghidlu biex ikomplilu x-xoghol u li ma kienx kuntent bil-kwalita tax-xoghol[9].

Skont l-appellat, huwa dam jigri wara l-appellant biex ikomplilu x-xoghlijiet sa Ottubru 2009. Eventwalment qata' qalbu u ddecieda li jqabbad lil haddiehor ghan-*netting* u ghal xoghol iehor li m'ghamilx Baldacchino[10]. Effettivament jirrizulta li mill-perjodu ndikat mill-appellat li fih hadimlu l-ahhar l-appellant (2009), ghadda perjodu ta' sentejn sakemm huwa kkummissjona lil haddiehor biex ikompli x-xoghlijiet (2011)[11]. L-appellat ma jaghti ebda raguni ghalfejn jekk kellu tant urgenza biex ifittex jaghlaq ix-xoghlijiet pendenti tal-*aluminju* u jirrimedja n-nuqqasijiet li jallega fix-xoghol tal-appellant, huwa halla daqshekk zmien jghaddi inutilment.

Di piu', ma jirrizultax li l-appellat qatt ta xi *ultimatum* lill-appellant sabiex jikkompleta x-xogholijiet u li fin-nuqqas tieghu huwa kien sejjer jinkariga lil terzi. Jirrizulta wkoll li l-ewwel darba li l-appellat kien avza lill-appellant biex jekk irid imur jigbor ix-xoghol li kien lahaq lesta kien meta l-appellant cempillu dwar il-hlas dovut. L-appellat qal hekk:

*"Mistoqsi jekk jiena kontx infurmajt lis-Sur Baldacchino sabiex jigi u jigbor ix-xoghlijiet tieghu jiena nghid illi l-ahhar darba li kellimni meta cempilli biex inhallsu jien kont ghidtlu sabiex jekk irid jista' jigi u jiehu x-xoghol li ghamel u nfurmajtu li kellu jaghmilli tajjeb ghall-ispejjez li garrabt. Mistoqsi jekk jiena nfurmajtx lis-Sur Baldacchoni bil-kitba permezz tal-Avukat jew bil-Qorti nghid illi le*[12]*."*

L-appellat f'ebda hin ma qala' x-xoghol imwahhal mill-appellant[13] u baqa' jaghmel uzu minnu.

Il-verzjoni tal-appellant hija pjuttost diversa. Hu jghid li mar diversi drabi ghand l-appellat u *"s-Sur Ellul kull meta kont inkun qed naghmel ix-xoghol jiena l-hin kollu mieghi, l-hin kollu jhares lejja u jekk vit ma joghgbux jaqilghu*[14]*."* Irrizulta mix-xhieda nfatti li l-appellat kien bniedem

[8] Fol 15.

[9] Fol 67.

[10] Fol 16.

[11] Deposizzjoni tal-appellat (fol. 44).

[12] Fol 44.

[13] Xhieda tal-appellat a fol 87.

[14] Fol 20.

pjuttost preciz, deskritt mix-xhieda mressqa minnu stess bhala bniedem li "*jhobb li l-affarijiet tieghu ikunu high end*[15] u kien "*metikoluz hafna, fitt hafna fuq ix-xoghol*[16]." Mario Grima, lavrant tal-appellant jghid ukoll li l-appellat, *"ix-xoghol dejjem osservah u osservah sew ghax mhux l-ewwel darba li hadli l-invell minn idi biex jiccekkja x-xoghol*[17]*."*

Mistoqsi jekk ircevix ilmenti waqt li kienu qeghdin isiru x-xoghlijiet, huwa jsostni li *"waqt li kont qieghed nahdem gieli kien jghidli rranga hemm u rranga hawn imma mbaghad wara x'hin nitlaq mid-dar tieghu qatt ma qalli xejn izjed*[18]*."*

Dwar postijiet li fihom ma sarx *sealer* il-lavrant tal-appellant jghid li kien il-appellat stess li qalilhom biex ma jaghmluhx peress li kien ghad irid jigi l-bajjad[19]. Jirrizulta wkoll partikolarment mir-ritratti ezibiti a fol 88 li fi bnadi ohra *s-sealer* sar.

Minn dak appena osservat il-Qorti tqis li l-ilmenti ewlenin tal-appellat f'din il-vicenda kienu dwar id-dewmien tal-appellant biex ilestilu x-xoghlijiet kollha ordnati u l-konsegwenzi li huwa kien qieghed ihabbat wiccu maghhom kawza ta' dan id-dewmien, primarjament perkolazzjoni ta' ilma f'xi partijiet tad-dar minhabba li ma kinux ghadhom saru l-aperturi kollha ordnati, damu ma twahhal xi hgieg mal-aperturi u mhux kull apertura sarilha s-*sealer*. Ghalhekk mhuwiex ghal kollox korrett l-appellant meta jghid li l-appellat qatt ma lmenta mieghu dwar ix-xoghlijiet.

Izda apparti dan, ma rrizultax illi huwa qatt waqqaf formalment lill-appellant milli jkompli bix-xoghol minhabba l-kwalita tal-prodott li l-appellant kien qieghed jikkonsenja. Anzi baqa' jsus warajh biex ikompli. Atteggament li ma hux kompatibbli ma' persuna li m'hijiex sodisfatta bil-kwalita' tax-xoghol konsenjat.  L-aperturi tal-*aluminju* ma twahhlux f'darba izda fuq medda ta' xhur. L-apeturi twahhlu wkoll fil-prezenza tal-appellat. Fejn ma ghogbux ix-xoghol huwa gieghel lill-appellant jirranga n-nuqqasijiet, bhal ma ghamel fil-flat tal-Qawra. Il-Qorti ma tifhimx kif huwa proprju meta gie rinfaccjat bil-kont u bil-kawza biex ihallas lill-appellant, li l-appellat hareg b'elenku ta' affarijiet li ddeskriva bhala li ma sarux skont l-arti u s-sengha. Anke mad-daqqa t'ghajn ta' whud mir-ritratti ezibiti, jigi osservat li l-appellat fil-proceduri odjerni jilmenta fost ohrajn li f'uhud mill-aperturi per ezempju, *"il-lasktu mhux pulit"*[20] u *"s-sealer mhux pulit*[21]*."* Madankollu kif inghad ix-xoghol fid-dar sar fil-prezenza tal-appellat u allura hu kien imissu ha azzjoni mmedjata biex jigi rrangat <u>waqt</u> li kien qieghed jitwahhal ix-xoghol u mhux l-ewwel jaccettah, ma jghid xejn u mbaghad johrog dan l-ilment mill-komma wara li l-

---

[15] Xhud Kurt Galea Pace a fol 11.

[16] Fol 67.

[17] Fol 63.

[18] Fol 20.

[19] Fol 63.

[20] Ritratt Nru 3.

[21] Ritratti Nru 5 u 6.

appellant baghatlu l-kont. Dan jinghad aktar u aktar fid-dawl tal-fatt li fil-mument meta l-appellat inkariga terza persuna biex tirrimedja xi partijiet u tkompli x-xoghlijiet mhux kompluti mill-appellant, hafna mix-xoghlijiet tal-*aluminju* kienu diga' lesti[22]. Ukoll bhala stat ta' fatt, ix-xoghol **kollu** tal-*aluminju* li lahaq twahhal mill-appellant fir-residenzi tal-appellat inzammu mill-istess appellat[23].

Certament li dan l-attegament tal-appellat ma kellux jigi njorat mit-Tribunal ghaliex jimpingi fuq ir-responsabbilta' li ghandu jgorr l-appellat f'din il-vicenda[24].

**<u>It-tieni aggravju.</u>**

L-appellant jilmenta mill-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal fejn ikkonkluda li x-xoghol tal-appellant ma sarx skont l-arti u s-sengha. Din kienet ir-raguni ghalfejn it-Tribunal cahad it-talba tal-appellant. It-Tribunal osserva:

*"Il-konvenut ressaq provi biex jikkonvinci lit-Tribunal illi x-xoghol li sar fil-proprjeta tieghu, ma sarx sew. L-attur abbanduna x-xoghol tieghu u halla lill-konvenut nofs xoghol bil-konsegwenza illi ghamillu hafna hsara, telf ta' hin u tertieq ta' qalb…..*

*Ghalhekk u dawn ir-ragunijiet it-Tribunal iqis illi gialadarba x-xoghol ma twettaqx skond l-art u s-sengha, allura l-attur mhux intitolat ghal hlas mill-konvenut u ghalhekk jichad it-talbiet attrici."*

Anke l-ipotezi tal-appellat li huwa kien abbanduna xoghlu hija dubjuża tenut li kien diga' lahaq wahhal xoghol b'valur ta' aktar minn tlett elef Ewro (€3,000). L-appellat qatt ma' kien kitiblu biex jilmenta dwar xoghol li ma kienx skont l-arti u s-sengha izda minflok baqa' jgawdi mill-aperturi mwahhla minghajr ma hallas xejn taghhom u dan a spejjez tal-appellant. Inoltre r-ritratti ezibiti mill-appellat huma konferma li sar xoghol skond is-sengha u l-arti.

F'appalt bhal ma hu dak odjern, l-appaltatur ghandu diversi responsabbiltajiet u obbligi. F'rassenja ta' gurisprudenza migbura fis-sentenza **Joseph Buhagiar et vs SMW Cortis Ltd** tas-27 ta' Settembru 2011, il-Qorti tal-Magistrati (Malta)[25] osservat:

*"Dwar x'inhi r-responsabilita' w id-dover tal-appaltatur, din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza deciza nhar il-25 ta' Jannar, 2011 fl-ismijiet* ***Stivala Operations Limited Vs Fithome Interiors Limited*** *Citazzjoni Numru. 503/2007 fejn saret referenza ghas-sentenza fl-ismijiet* ***Proinvest Limited vs Giljan Agius*** *(Appell 8 ta' Jannar 2010) fejn intqal:*

---

[22] Xhieda Joseph Pace a fol 71; u xhieda ta' Mario Micallef, mastrudaxxa prodott mill-appellat a fol 67 li jghid li x-xoghol tal-aluminju kellu tlett kwarti minnu lest.

[23] Xhieda tal-appellat a fol 87.

[24] Fis-sentenza **Bezzina et vs Attard et** tas-17 ta' Marzu 2003, din il-qorti (Imhallef P. Sciberras) ghamlet riferenza ghal dak li qal il-gurista Rubino; Ghax kif isostni r-Rubino fil-monografija tieghu, "L'Appalto" (UTET, Torino, 1958), *"stante la sua stessa accettazione o* ***<u>utilizzazione della parte eseguita, neanche ora il committente puo' pretendere che l'inadempimento parziale sia trattato come inadempimento totale, e quindi non puo` esimersi dal corrispondere un adeguato compenso per quella parte</u>****".*

[25] Magistrat C. Scerri Herrera.

*"hu dover tal-appaltatur li jippresta xoghol tajjeb indipendentament x'jikkonsilja jew ma jikkonsiljax is-sid. Intqal kemm-il darba li l-appaltatur li jesegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett tal-appalt, huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezukuzzjoni hazina. Dan hu hekk avolja jkun hemm l-approvazzjoni tax-xoghol jew l-appaltatur ikun mexa' skond l-ispecifikazzjonijiet jew istruzzjonijiet, anke espresso, moghtija mill-kommittent. L-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lil min qabbdu opra sodisfacenti w ma jistax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax il-kommittent ma oggezzjonax ghal mod kif kien qed isir ix-xoghol. Fil-fatt intqal ukoll li l-hlas tal-prezz talappalt ma jfissirx necessarjament approvazzjoni tax-xoghol jekk dan filfatt jirrizulta difettuz."*

*Jinghad ukoll kif mistqarr mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza* ***Muscat vs Cuschieri*** *deciza fis-26 ta' Mejju 2006 li:*

*"min jidhol biex jesegwixxi appalt irid jaghmel tajjeb anke ghall-bonta` tal-materjal li jforni, nkluz li dan il-materjal ikun idoneju ghall-iskop li ghalih ser jintuza". Din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li gie meqjus fis-sentenza li nghatat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili deciza nhar id-9 ta' Gunju 2004 fl-ismijiet* ***Raphael Micallef Vs Anthony Agius*** *fejn gie enfasizzat is-segwenti:-*

*I. skond il-principji generali tad-dritt in materja ta' adempjenza kuntrattwali, l-appaltatur ghandu jassikura li x-xoghol lilu kommess ikun ser isir utilment u mhux b' mod li l-quddiem juri difetti. B' obbligu primarju jibqa' dejjem li "l-appaltatur hu obbligat jezegwixxi l-opra miftehma skond is-sengha" (Kollez. Vol. XLI P II p 892). Dan fis-sens li "l' imprenditore ha l' obbligo di eseguire bene l' opera commessagli secondo i dettami dell' arte suo, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (Kollez. Vol. XXVII P I p 374);*

*II. II. Dan stabbilit, "jekk hu jaghmel ix-xoghol hazin, lanqas ma huwa eskluz mir-responsabilita' minhabba li hu jkun qaghad ghal dak li ried il-kommittent" (Kollez. Vol. XL P I p 485). Jinkombi fuqu b'dover "di resistere ad ordini che egli vedesse pregudizievoli alla solidita` e contrarii alle buone regole dell' arte" (Kollez. Vol. XXV P I p 727). Gie deciz ukoll illi "l-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina tax-xoghol; Dan jikkombacja mal-hsieb professat illi "l'impiego di un uomo di scienza a dirigere il lavoro non esime mai l' appaltatore dal prestare quella diligenza e quella perizia ordinaria che glie e' imposto dalla natura del contratto (Kollez. Vol. XXVII P I p 374)."*

Rilevanti wkoll dak li qalet il-Prim'Awla[26] fis-sentenza **Paul Tabone nomine vs Charles Grech et**, tas-7 ta' Dicembru 2004:

*"Ghalkemm min iqabbad lil min jaghmillu xoghol ma ghandux ikun imgieghel jaccetta xoghol hazin jew inferjuri, lanqas jekk ta' dan ihallas prezz anqas, dan ma jfissirx illi l-hlas isir biss ghal xoghol li jkun perfett. Dejjem issib xi haga li "setghet saret ahjar" iżda b'hekk ix-xoghol ma jsirx xoghol hazin li ma jisthoqqlux hlas."*

Il-kwistjoni dwar jekk ix-xoghlijiet tal-aluminju sarux skont is-sengha u l-arti hi ta' natura teknika. Għalkemm l-Artikolu 9 tal-Att dwar it-Tribunal Ghal Talbiet (Kap. 380) jipprovdi li kemm jista' jkun it-Tribunal ghandu jevita milli jahtar perit gudizzjarji sabiex jaghti opinjoni, f'kaz bhal dan kien ikun floku li t-Tribunal jahtar perit gudizzjarju sabiex jaghti parir tekniku dwar il-kwalita' tax-xoghol li ghamel l-appellant. Hu fatt li l-appellat, li fuqu kien jinkombi l-oneru ta' din il-prova, ma talabx ghan-nomina ta' espert tekniku u ndipendenti sabiex jaghmel evalwazzjoni tax-xoghlijiet imwahhla, u strah biss fuq ritratti u d-deposizzjoni tieghu stess.

F'dan ir-rigward il-qorti diga' osservat li xi xoghlijiet ta' *nets* li ma kinux a pjena sodisfazzjon tal-appellat fil-flat tal-Qawra kienu gew irrangati mill-appellant u l-appellat ma ressaqx provi

[26] Imhallef G. Caruana Demajo.

sodisfacenti li tnejn minnhom baqghu difettuzi. Nonostante dan, it-Tribunal accetta d-difiza tal-appellat u kkonkluda li huwa ma kellux ihallas ghalihom ukoll.

Fir-rigward tax-xoghol li sar fil-fond ta' Birkirkara, l-appellat ressaq ilmenti dwar xi aperturi li kienu minghajr *sealer*[27]. L-appellant jiggustifika dan billi jindika li n-nuqqas ta' *sealer* f'uhud mill-aperturi saret fuq struzzjonijiet stess tal-appellat[28]. Il-qorti ma tista' tara l-ebda raguni ghalfejn l-appellat seta ta ordni simili, iktar u iktar meta hemm aperturi li sarilhom is-sealer.

Dwar il-frame tal-kamra tal-hjata mwahhal mill-appellant u li l-appellat jghid li kien *"minghajr saqaf"*[29], l-appellant isostni li dan sar fuq struzzjoniijiet tal-appellat peress li kien ser igib mastrudaxxa tieghu biex jaghmillu saqaf ghaliha[30]. L-appellat jichad li dan hu minnu[31]. Izda f'kull kaz, l-kwistjoni dwar is-saqaf m'ghandha x'taqsam xejn mal-eccezzjoni li x-xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti.

F'diversi ritratti jinghad li l-ilment tal-appellat kien biss li fil-fehma tieghu s-*sealer* jew il-lastiku ma kinux puliti. Dan wahdu ma jirrendix l-aperturi nfushom tali li jitqiesu li ma sarux skont l-arti u s-sengha.

**B'riferenza ghal ritratt numru 1** – M'hemm l-ebda lment fuq il-frame tal-aluminju innifsu. Id-direzzjonijiet ta' uhud mill-vlegeg difficilment tikkombacja ma' hsara gejja minn perkolazzjoni ta' ilma mit-tieqa bla hgieg, specjalment dawk li qeghdin fuq in-naha ta' barra u l-vlegga li tipponta aktar il-gewwa lejn is-saqaf. Din il-konsiderazzjoni tghodd ghal dak indikat mill-appellat f'ritratt numru 18 apparti l-fatt li difficilment tregi t-tezi tal-appellat li l-irqajja skuri fuq l-irham huma tbajja kawzati minn dhul ta' ilma mill-aperturi msemmija tenut kont l-uniformita' taghhom matul il-kuritur.

**Dwar ritratti 2 sa 4** –Dwar dan il-bieb il-lavrant tal-appellant jghid illi huma ma ssiljawhx ghax il-appellat kien ser igib il-bajjad biex jirrangalu l-hajt[32]. It-terza persuna li qabbad il-appellat kulma qal dwaru kien li ssikka l-bieb tal-bitha minn naha ta' fuq [33] u dan fl-2011, sentejn wara li twahhal il-bieb. Kien jinkombi fuq il-appellat jipprova fejn kien id-difett fil-gnub fil-mument tat-twahhil u cioe' jekk kienx il-frame tal-aluminju jew il-hajt li ma kienx dritt. Dwar xoghol li ma sarx mill-appellant (ezempju, l-cover madwar il-katusi f'ritratt 14) mhu qieghed jintalab ebda hlas fil-kaz odjern. Ghall-qorti hu ovvju wkoll li l-frame ma setax jasal sal-hajt minhabba l-katusi li jidhru fl-istess ritratti.

---

[27] Fol 15

[28] Fol 63.

[29] Fol 15.

[30] Fol 63 – deposizzjoni ta' Mario Grima, lavrant mal-appellant.

[31] Fol 86.

[32] Fol 64.

[33] Fol 71.

Provi ohra li tressqu mill-appellat fosthom ritratti 7 u 8; 19 sa 21 (zviluppati fl-2012 u fl-2013 rispettivament) juru aperturi li ntuzaw mill-appellat. L-istess jinghad ghall-prova li ressaq il-appellat permezz tar-rapport tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili meta assistew lil mart il-appellat wara li ssakkret fil-bitha[34]. Difficilment jista' jigi muri li hija ssakkret minhabba li l-lock tal-bieb tal-bitha kien difettuz kif qieghed jinsinwa l-appellat[35] meta wiehed iqis li dan l-episodju sehh sentejn wara li twahhal il-bieb. Di piu' d-Dipartiment imsemmi ma kkonstatax ir-raguni li minhabba fiha hija ssakkret fil-bitha.

Maghdud ma' dan u f'kull kaz il-qorti tosserva li mill-mument li twahhlu l-aperturi kollha msemmija l-appellat zammhom ghamel uzu minnhom. L-ewwel darba li jirrizulta li nkariga terza persuna, wara l-appellant, kien fl-2011. Sentejn wara li kienu twahhlu[36]. L-appellat baqa' sieket u qata' kull komunikazzjoni mal-appellant bejn l-2009 u l-2011 u ma ha ebda passi ulterjuri fil-konfront tieghu la sabiex jigi finalizzat ix-xoghol u lanqas biex jirranga dak li skont l-appellat ma kienx twahhal sew.

Dwar xoghol iehor li sar fuq l-aperturi li hadem u wahhal l-appellant, xehed ukoll Joseph Pace li qal:

*"Dan meta gejt mitlub biex immur fuq il-post niftakar li kien hemm diga' xoghol tal-aluminium li kien lest pero' gejt mitlub sabiex nissilja dawn il-bibien u twieqi peress li ma kinux issiljati. Niftakar li kont irrangajt ukoll il-bieb tal-bitha minhabba li ma kienx issikat sew u ghalhekk kien jidher id-dawl minnu d-dawl kien jidher min-naha ta' fuq tal-bieb. Niftakar ukoll li kien hemm ukoll fissa tal-hgieg illi ma kellhiex silicone maghha u dan ghamiltu jiena. Dawn ix-xoghlijiet ghamilthom jiena u ghamiltilhom ukoll it-tappijiet."*[37]

Ix-xhud semma wkoll li l-appellat staqsieh jekk kienx hemm xi hgieg, mill-aperturi li hadem l-appellant, li kien *tempered*. It-twegiba kienet fin-negattiv. Pero' l-qorti m'hijiex konvinta li l-ftehim kien fis-sens li l-hgieg li kellu jintuza kellu jkun *tempered glass*. Dan apparti li mill-kont ma jirrizultax li l-appellant talab hlas ghal dak it-tip ta' hgieg.

Minn din id-deposizzjoni l-qorti ma tihux l-impressjoni li kien hemm difetti kbar li kellhom iwasslu lit-Tribunal jikkonkludi li x-xoghol ma sarx skont l-arti u s-sengha u li ghalhekk l-appellant mhuwiex intitolat ghall-hlas. Dan ukoll meta tqies il-kwantita ta' xoghol li nhadem mill-appellant.

Fis-sentenza **Busuttil vs Fedele et** tad-9 ta' April 1968, il-Prim'Awla qalet:

*" ... il-kuntratt ta` appalt huwa kuntratt bilaterali u dejjem soggett ghal patt kommissorju tacitu. Konsegwentement meta d-difetti fl-ezekuzzjoni jkunu ppruvati, il-kriterju essenzjali tad-decizjoni tinsab fl-ezami* ***jekk ix-xoghol ikunx affett jew le minn vizzji sostanzjali****. Dawn huma dawk id-difetti, imsejhin ukoll essenzjali, li jipprivaw il-haga mill-iskop jew mill-*

[34] Fol 89.

[35] Fol 85.

[36] Xhieda John Pace a fol 71.

[37] Fol. 71.

*utilita` taghhom b`mod li ma tibqax tikkorrispondi mad-destinazzjoni proposta mill-kommittent u ndikata min-natura stess tax-xoghol waqt li l-ohrajn kollha ghandhom jigu ritenuti mhux essenzjali. Meta d-difetti jkunu essenzjali, l-kommittent ghandu d-dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt minhabba linadempjenza. Meta ghal kuntrarju d-difett ma jkunx sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jigi ritenut inadempjenti pero` jibqa` obbligat li jirripara d-difetti jew jaccetta riduzzjoni.*"

Meqjus dak li jirrizulta mir-ritratti, il-qorti ma tifhimx kif l-appellant jippretendi li ma jhallasx, bl-eccezzjoni tal-apertura li tidher fir-ritratt numru tmienja (8). F'dan ir-rigward u wkoll dwar nuqqasijiet ohra fix-xoghol li ssemmew minn Joseph Pace, il-qorti *arbitrio boni viri* ser tnaqqas is-somma ta' tlett mitt ewro (€300) mill-kont finali.

**Allegat abbandun tal-appellant.**

Dwar jekk l-appellant abbandunax it-tkomplija x-xoghlijiet miftehma, l-Qorti tinnota li:

i. Wara li skada t-terminu ta' tlett xhur indikat mill-appellat ghat-tlestija tax-xogholijiet, il-appellat baqa' jaccetta x-xoghol u ma mpona ebda terminu gdid fuq l-appellant ghat-tkomplija tax-xoghlijiet.

ii. Huwa minnu li bla hsara ghad-dispozizzjonijiet l-ohra tal-artikolu 1640 tal-Kodici Civili, l-appaltant ghandu in forza ta' l-Artikolu 1640(1) is-setgha li "*jholl, meta jrid, il-kuntratt ghalkemm ix-xoghol ikun diga` beda.* "

iii. Il-qorti m'hijiex konvinta li l-appellant kien abbanduna l-post tax-xoghol. Fil-fatt l-appellant stess xehed, *"Jiena nixtieq nghid illi s-Sur Grima tkellem hekk peress illi* ***jiena kont keccejtu mid-dar tieghi minhabba x-xoghol hazin li kien qed isirli."***[38] Dikjarazzjoni li tikkontradici l-verzjoni li l-appellant kien abbanduna x-xoghol. In vista ta' dawn il-verzjonijiet konfliggenti, il-qorti ma tistax taccetta l-verzjoni li l-appellant abbanduna x-xoghol.

**Ghaldaqstant**:

i. L-appellant ta prova li wahhal numru ta' aperturi f'zewg postijiet proprjeta' tal-appellat;

ii. Ghalkemm il-ftehim kien li l-hlas isir meta jitlesta x-xoghol[39], ma giex miftehem kif kien ser isir il-hlas[40] u lanqas ftehmu fuq prezz partikolari. Kif ammess mill-appellat, il-prezzijiet kellhom ikunu bhal *"ta' haddiehor*[41] ";

iii. L-appellat ma jichadx li l-aperturi dikjarati fil-kont, twahhlu u lanqas jikkontesta l-prezz;

[38] Seduta tas-27 ta' Frar 2014 (fol. 86).

[39] Xhieda tal-appellant a fol 19.

[40] Xhieda tal-appellant a fol 22.

[41] Affidavit a fol 14.

iv. L-appellat laqa' ghat-talbiet attrici billi ressaq difiza bazata fuq zewg binarji – nuqqas ta' sengha u arti fix-xoghlijiet imwahhla u abbandun tax-xoghlijiet mill-appellant.

v. Mill-mument li twahhlu l-aperturi, l-appellat zammhom u baqa' juzahom;

vi. Id-difetti li jilmenta minnhom l-appellat ma jistghux jigu kwalifikati bhala difetti sostanzjali li jiggustifikaw li l-appellant ma jigix kumpensat ghax-xoghol li ghamel.

vii. L-appellant jisthoqqlu jithallas, b'dan mill-ammont titnaqqas is-somma likwidata mill-qorti minhabba difetti f'xi xoghol.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti thassar is-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar tal-11 ta' Novembru 2014 u:**

1. **Tichad it-tieni eccezzjoni.**

2. **Tichad it-tielet u raba' eccezzjoni, b'dan li peress li hemm xi xoghol li ma sarx sew qeghda *arbitrio boni viri* tnaqqas is-somma ta' tlett mitt ewro (€300) mis-somma mitluba fl-avviz tat-talba.**

3. **Tikkundanna lill-appellat ihallas lill-appellanti s-somma ta' elfejn seba' mija u disa' u tletin ewro u tmienja u sittin centezmu (€2,739.68), bl-imghax mid-data tan-notifika tal-avviz tat-talba.**

4. **Spejjez tal-ewwel istanza u tal-appell jinqasmu in kwantu ghal 90% a karigu tal-appellat u 10% a karigu tal-appellanti.**

Anthony Ellul.